

Brussell, 4 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6986/26

ENV 192
MI 208
ENT 41
IND 162
CONSOM 65
COMPET 274
DELECT 43

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 511 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'25.2.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jeżenta lil ċerti operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg mir-rekwiżiti tal-użu mill-ġdid ta' 100 % ta' dawn il-formati tal-imballaġġ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 511 final.

Mehmuż: C(2026) 511 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2026
C(2026) 511 final

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 25.2.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jeżenta lil ċerti operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg mir-rekwiżiti tal-użu mill-ġdid ta' 100 % ta' dawn il-formati tal-imballaġġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ¹, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE jistabbilixxi miri ta' użu mill-ġdid għal formati tal-imballaġġ speċifiċi, li japplikaw mill-2030.

Dan ir-Regolament jeħtieġ li mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport, jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, inkluż għall-prodotti distribwiti permezz tal-kummerċ elettroniku, fit-territorju tal-Unjoni, fil-forma ta' pallets, kaxxi tal-plastik li jintwew, kaxxi, trays, ċestuni tal-plastik, kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, bramel, ċilindri u kaxxetti ta' kwalunkwe daqs jew materjal, inkluż formati flessibbli jew tgeżwir tal-pallets jew ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport, għandhom jiżguraw li mill-inqas 40 % ta' imballaġġ bħal dan b'kollox ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.

Barra minn hekk, ir-Regolament jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, fil-formati msemmija hawn fuq, fit-territorju tal-Unjoni, bejn siti differenti li fihom l-operatur iwettaq l-attività tiegħu, jew bejn kwalunkwe wieħed mis-siti li fihom l-operatur iwettaq l-attività tiegħu u s-siti ta' kwalunkwe intrapriża jew intrapriża sieħba relatata oħra, jew biex iwasslu l-prodotti lil operatur ekonomiku ieħor fl-istess Stat Membru, għandhom jiżguraw li imballaġġ bħal dan ikun dejjem riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid.

Il-Kummissjoni, tqis l-aħħar data u żviluppi xjentifiċi u ekonomiċi, u tingħata s-setgħa tistabbilixxi l-eżenzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi li huma addizzjonali għal dawk previsti f'dan l-Artikolu, minħabba restrizzjonijiet ekonomiċi partikolari li jiltaqgħu magħhom f'settur speċifiku relatat mal-konformità mal-miri stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

Din id-Deċiżjoni Delegata tapplika għall-operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg għall-operazzjonijiet tat-trasport tagħhom. Skont l-Eurostat², 600,000 negozju li joperaw bħala fornituri loġistiċi fl-UE jistgħu jiġu affettwati mill-Artikolu 29(2) u (3). L-ispejjeż għal dawn in-negozji ġew stmati għal madwar EUR 610,000,000; tali kostijiet huma relatati mal-adattament tal-linji tal-imballaġġ (jiġifieri, spiss iżommu linji ta' imballaġġ doppju), bħax-xiri ta' magni awtomatizzati ġodda għat-tgeżwir tal-pallets, it-tagħmir tal-IT, u t-taħriġ tal-persunal. Madankollu, meta jitqies li t-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg jintużaw ħafna fis-settur tal-manifattura, l-għadd ta' negozji affettwati fl-UE — u l-kostijiet assoċjati — jista' jiżdied b'mod sinifikanti. Il-kostijiet għall-awtoritajiet kompetenti tipikament jirreferu għat-twettiq ta' awditi lin-negozji biex jivverifikaw il-konformità mal-obbligi tal-użu mill-ġdid deskritti fl-Artikolu 29(2) u (3).

¹ GÜ L 2025/40, 22.01.2025

² https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sbs_oww_act_custom_17432478/default/table?lang=en

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fl-2025, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati mas-settur tal-imballaġġ bħala parti minn studju ddedikat, li se jiġi ppubblikat mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ddiskutiet din id-Deċiżjoni Delegata mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fi grupp ta' esperti dwar l-iskart, fil-15 ta' Ottubru 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

F'konformità mal-Artikolu 29(18) (a) tar-Regolament (UE) 2025/40 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-aħħar data u żviluppi xjentifiċi u ekonomiċi, għandha s-setgħa li tistabbilixxi eżenzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi minħabba restrizzjonijiet ekonomiċi partikolari li jiltaqgħu magħhom f'settur speċifiku relatat mal-konformità mal-miri stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni jistabbilixxi l-eżenzjoni tat-tgeżwir tal-palits u taċ-ċineg mill-miri tal-użu mill-ġdid tal-Artikolu 29(2) u (3). L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni.

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'25.2.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jeżenta lil ċerti operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg mir-rekwiżiti tal-użu mill-ġdid ta' 100 % ta' dawn il-formati tal-imballaġġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE³, u b'mod partikolari l-Artikolu 29(18) il-punt (a) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg huma formati tal-imballaġġ għat-trasport koperti mill-miri tal-użu mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 29(1), (2) u (3), tar-Regolament (UE) 2025/40. L-Artikolu 29(1) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi mira ġenerali ta' 40 % għall-użu mill-ġdid għall-operaturi ekonomiċi li jużaw ċerti formati tal-imballaġġ għat-trasport f'sena kalendarja, li jfisser li l-operaturi jistgħu jikkompensaw format użat b'rata baxxa ta' użu mill-ġdid b'wieħed li għandu rata għolja ta' użu mill-ġdid.
- (2) L-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2025/40 jimponi fuq l-operaturi ekonomiċi li jużaw daww il-formati tal-imballaġġ għat-trasport mira ta' użu mill-ġdid ta' 100 % għat-trasport fl-istess kumpanija jew kumpaniji konnessi jew sħab fl-Unjoni, u għat-trasport bejn l-istess Stat Membru. L-eżenzjonijiet tat-tgeżwir tal-palits u taċ-ċineg mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 29(2) u (3) jimplikaw li l-kwoti tal-użu mill-ġdid tal-Artikolu 29(1) ma japplikawx għal dawn it-tipi ta' użu.
- (3) Għalkemm it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg li jistgħu jergħu jintużaw bħalissa huma disponibbli kummerċjalment u jintużaw għat-trasport ta' ċerti oġġetti, hemm evidenza qawwija li l-użu esklużiv tat-tgeżwir tal-palits u taċ-ċineg li jistgħu jergħu jintużaw għall-istabbilizzazzjoni u għall-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-palits matul it-trasport, fil-każijiet kollha koperti mill-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2025/40, jista' jwassal għal kostijiet ta' adattament sproporzjonati għall-operaturi kkonċernati.
- (4) L-evidenza turi li t-tranżizzjoni għal 100 % ta' tgeżwir u ċineg tal-palits li jistgħu jergħu jintużaw tinvolvi investimenti inizjali għoljin għad-disinn mill-ġdid tal-linji tal-imballaġġ. Il-bidla lejn it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg li jistgħu jergħu jintużaw

³ Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (ĠU L, 2025/40, 22.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli.reg.2025/40/oj>)

tkun teħtieġ investimenti f'soluzzjonijiet awtomatizzati għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża li għadhom mhumiex żviluppati biżżejjed. Għalhekk, bidla bħal din tista' tfixkel il-ktajjen tal-provvista u twassal għal kostijiet għall-operaturi ekonomiċi, primarjament għal dawk li jużaw l-imballaġġ għat-trasport.

- (5) Għalhekk, jeħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-palits matul it-trasport jiġu eżentati mill-miri tal-użu mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 29 (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2025/40.

ADOTTA/ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Eżenzjoni li tikkonċerna t-tgeżwir tal-palits u ċ-ċineg

L-operaturi ekonomiċi li jużaw it-tgeżwir tal-palits jew iċ-ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-palits matul it-trasport huma eżentati mir-rekwiżiti tal-użu mill-ġdid ta' 100 % ta' dawn il-formati tal-imballaġġ stabbiliti fl-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2025/40.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25.2.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN